# Storja ta' Vokazzjoni



*Dun Anġ Seychell*

L-istorja tal-vokazzjoni tiegħi għas-saċerdozju ma kenitx waħda tas-soltu. Jiena la dħalt is-seminarju minuri, la qatt kont abbati u lanqas kont midħla tas-sagristija.

Iva kont nilgħab bil-knisja meta kont żgħir. Iz-zija Karm, oħt missieri, kienet seftura ma' Dun Spir Grixti, il-fundatur tad-Domus taż-Żejtun. Meta miet Dun Spir, iz-zija tatni artal żgħir biex noqgħod nilgħab bih. Kien artal ħelu, miżbugħ lewn l-irħam u kellu sett gandlieri tal-injam twal u b'musmar fil-qiegħ tagħhom biex jidħlu f'toqba fl-ewwel xkaffa tal-artal u b'hekk kienu jżommu sod. Kont narmah fit-taraġ u tgħidx kemm żmien kont ngħaddi fih, inżejjen u taparsi nqaddes.



**Dun Lawrenz Degabriele**

Imma l-vokazzjoni tiegħi mhux minn hemm ġietni. Ġietni mix-xhieda ta' qassis li jien qatt ma rajt u qatt ma kellimt – l-Arċipriet Lawrenz Degabriele, li miet fis-sena 1932 u jiena twelidt fis-sena 1933. Ommi Manann kienet bil-ħanut tal-merċa u tal-ħaxix u tal-ħobż u jiena fih trabbejt. Sikwit f'dal ħanut lin-nies kont nismagħhom isemmu lill-Arċipriet Degabriele. Ilkoll kienu jfaħħruh u jberkuh. Kienu jirrakkuntaw stejjer fuqu li jixhdu l-imħabba tiegħu lejn il-fqar taż-Żejtun, kemm kien nieqes mir-regħba għall-flus u kif l-isqof ried jagħmlu monsinjur tliet darbiet u kull darba kien jirrifjuta għax flus biex jixtri l-ħwejjeġ addattati ma kellux!

L-istess ħaġa kienet tiġri fil-familja tiegħi. Missieri u ommi tgħidx kemm kienu jfaħħruh lill-Arċipriet Dun Lawrenz. Bla ma ridt, isma' llum u isma' l-għada, fija bdiet tinbet ammirazzjoni kbira lejn dan il-qassis u mal-ammirazzjoni bdiet tinżera' f'qalbi x-xewqa tal-imitazzjoni.

**Fejn ma jtukx, tihom int.**

Hekk ġara. Bqajt inħobb lil dan il-qassis, bqajt nammirah u fil-qalb ta' qalbi kelli x-xewqa li ngħix bħalu. Kont diġà sirt qassis meta għamilt programm televiżiv dwaru u intervistajt diversi nies li għexu qrib tiegħu, fosthom dak li kien viċi parroku tiegħu, il-Kanonku Dun Ġwann Vella li rrakkuntali episodju tassew interessanti dwaru. Qalli li ġiet sena li fiha wara l-Għid l-Arċipriet kien ma jiflaħx u ma ħareġx ibierek hu, kif kien isir dak iż-żmien. Floku bagħat lill-Viċi tiegħu u qallu kif għandu jimxi. "Meta tasal fir-Raħal t'Isfel se jkun hemm nies foqra li ma jtukx flus bħala offerta. Lil dawn, flok ituk huma, tihom inti!"

U iżjed tard jiena kont fost dawk li tħabtu biex mal-bieb ta' wara tal-knisja parrokkjali, jsir mafkar xieraq lill-Arċipriet Degabriele biex in-nies Żwieten li jiġu warajna jsiru jafu wkoll bl-imħabba tiegħu lejn il-fqar.

U meta jiena ħlomt li ngħix mal-persuni b'diżabiltà u ġejna biex nifthu t-tieni dar għalihom, ridt li din tissemma' Dar Arċipriet Degabriele! Għalhekk jiena konvint li l-vokazzjoni tiegħi għas-saċerdozju ministerjali hija r-riżultat tax-xhieda kollha fwieħa li ħalla warajh dan il-qassis, li kien ġej minn familja fqira, li sar qassis għax ħallaslu qassis ieħor, Dun Ġwann Tabone jew Dun Ġwann tal-Għaġin, u li qatt ma nesa l-għeruq tiegħu!

* * * *

**Konna Xxurtjati**

Iż-żmiem gerbeb. Jiena għaddejt għall-universitá u mort ngħammar fis-seminarju tal-Furjana. Fl-1956 fost dawk li rċevew l-ordinazzjoni saċerdotali mill-Arċisqof Gonzi konna erbgħa mill-parroċċa taż-Żejtun: Dun Ġużepp Xerri, Dun Victor Grech, Dun Ġużepp Abela u jiena. Ilna qassisin 60 sena għax ilkoll għadna mimlijin bil-għomor.

Jiena nqis li konna qassisin ixxurtjati u se ngħid għaliex. Iż-żminijiet ta' ġrajjiet kbar fid-dinja u fil-knisja.

Għaddejna mit-Tieni Gwerra Dinjija u rajna l-Ewropa maħkuma l-ewwel mid-dittatur Hitler u wara nofsha mid-dittatur Stalin. Għixna r-riforma tal-Konċilju Vatikan II fil-Knisja. Ġarrabna ż-żmien iswed tal-kwistjoni politiko-reliġjuża.

Konna xxurtjati wkoll għax fil-formazzjoni tagħna qsamna l-istil ta' ħajja rżina li kienu qed jgħixu n-nies ta' madwarna.

Niftakar kif kull sena s-Seminarju kien jagħtina biss kamra vojta, li fiha lanqas vit tal-ilma ma kien hemm. Kull sena f'Settembru kien jiġi t-Tannu bit-trakk u jgħabbilna s-sodda, is-saqqu, il-buqar, is-slopp u kull meħtieġ u jwassalhom sas-Seminarju fil-Furjana u fl-aħħar ta' Ġunju jġibhom lura biex f'Settembru ta' wara jerġa' jiġi għalihom. Is-sodda li kont nieħu miegħi kienet xtratha ommi mingħand il-militar u ma nisthix ngħid li għadni nużaha sal-ġurnata tal-lum. Xi darba għad nagħmel wirja tagħha! Kuljum filgħodu kont tara lis-seminaristi għaddejjin ibattlu s-slopp u jimlew il-buqar. Konna xxurtjati għax ma għixniex fil-fsied!



*Dakinhar tal-ewwel quddiesa solenni tiegħu – 22 ta' Marzu 1956, Dun Anġ Seychell jidher miexi lejn il-knisja parrokkjali f'korteo mid-dar tiegħu. Jidhru mix-xelluq għal-lemin Mons. Salv Grima, l-Arċipriet Dun Mikiel Spiteri, Patri Robert Darmanin SJ u s-Sur Pietru Buttigieg.*



*L-Ewwel Quddiesa ta' Dun Ġużepp Scerri fl-1 ta' April 1956.*

**Qrib in-Nies**

L-erbgħa li qaddisna għixna saċerdoti qrib in-nies. Dun Ġużepp Xerri beda l-ħidma tiegħu bħala viċi parroku f'Ħal Qormi; Dun Victor Grech iddedika ħajtu għall-formazzjoni tas-seminaristi u wara fost id-drogati; Dun Ġużepp Abela għadda snin kbar fil-qasam tat-tagħlim u wara fost ix-xjuħ; u jiena iddedikajt ħajti fost iż-żgħażagħ u l-persuni b'diżabiltà.

In-nies għinuna ngħixu l-vokazzjoni tagħna billi talbuna s-servizzi tagħna u hekk ġegħluna nagħrfu li konna ta' siwi għas-soċjetà Maltija u għall-Knisja. B'dak li talbuna u bil-mod kif fittxewna fil-bżonnijiet tagħhom, għenuna ngħixu l-vokazzjoni tagħna bil-fedelta kollha.

Nispiċċa b'nota personali. Kif jingħad fis-Salmi: It-tjieba tal-Mulej irrid dejjem ngħanni. Il-Mulej għaddieni mill-esperjenza fejjieda tal-faqar. Wara li qaddist sirt naf li ommi fil-ħanut kienet fid-dejn mal-bejjiegħa bl-ingrossa għax kellha tħallasli l-miżata tal-Università kif ukoll dik tas-Seminarju. Jiena rfajt fuq spallti d-dejn kollu tagħha u ħallastu sal-inqas ħabba, avolja ġieli ġew ġranet meta lanqas lira ma kelli fil-but!

Imma jien inħossni mkabbar u xxurtjat għax ġarrabt dak li jġarrbu n-nies!



*Monsinjur Victor Grech fi triqtu lejn il-knisja parrokkjali taż-Żejtun biex jiċċelebra l-Ewwel Quddiesa, 8 ta' Marzu 1956, akkumpanjat mill-Professur Ċensu Gatt, l-Arċipriet taż-Żejtun Dun Mikiel Spiteri, Mons. Prof. Salvinu Grima u s-Sur Ġużeppi Grima.*



*L-Ewwel Quddiesa tal-Kan Dun Joe Abela, fil-15 ta' April 1956.*



Quddiesa flimkien mal-Arċipriet ta' Ħaż-Żabbar fl-okkażżjoni tal-400 sena Matrici



Ritratt fuq lemin: L-Arċisqof, Mons. Charles J. Scicluna fil-Festa tal-Gandlora fiż-Żejtun.



L-Arċipriet jilqa' lil Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna



MONS. ĠUŻEPPI MERCIECA
Arċisqof Emeritus ta' Malta
1928-2016



Il-bidu tal-Funeral ta' Mons Ġużeppi Mercieca mid-dar fejn kien joqgħod fiż-Żejtun





L-Isqof Sylvestru Magro waqt Quddiesa f'għeid San Ġużepp (jidher ukoll il-Bastun ta' San Ġużepp tar-Rabat)